Nru./No. 18,509
Prezz/Price
€5.59

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru, 2009
Friday, 20th November, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,131 - 14,156
Government Notices ..... *14,131 - 14,156*

Avviż tal-Pulizija ..... 14,157 - 14,158
Police Notice ..... *14,157 - 14,158*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 14,158 - 14,176
Employment Opportunities ..... *14,158 - 14,176*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,176 - 14,177
Notices ..... *14,176 - 14,177*

Offerti ..... 14,178 - 14,221
Tenders ..... *14,178 - 14,221*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,222 - 14,246
Court Notices ..... *14,222 - 14,246*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 947

BORD DWAR APPELL DWAR L-IPPJANAR

SKONT l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356), il-President ta' Malta reġa' ħatar lil Dott. Ian Spiteri Bailey u lis-Sur Saviour Borg bħala *Chairperson* u Membru rispettivament tal-Bord 'A' ta' Appell dwar l-Ippjanar u lil Dott. Robert Tufigno u lis-Sur Jacques Borg Barthet u lis-Sur Patrick Camilleri bħala *Chairperson* u Membri rispettivament tal-Bord 'B' ta' Appell dwar l-Ippjanar biex joqogħdu għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2009.

Id-19 ta' Novembru, 2009
OPM 744/1993

Nru. 948

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, b'seħħ minn nhar il-Ħamis, id-19 ta' Novembru 2009, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-19 ta' Novembru, 2009
(OPM 1/2009/II)

Nru. 949

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-20 ta' Novembru, 2009
(File No. L304/2009)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Skont l-artikolu 8 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku.

GOVERNMENT NOTICES

No. 947

PLANNING APPEALS BOARD

IN terms of article 14 of the Development Planning Act (Cap. 356), the President of Malta has reappointed Dr Ian Spiteri Bailey and Mr Saviour Borg as Chairperson and Member respectively of the Planning Appeals Board 'A' and Dr Robert Tufigno and Mr Jacques Borg Barthet and Mr Patrick Camilleri as Chairperson and Members respectively of the Planning Appeals Board 'B' to sit for a period of one year with effect from the 21st November, 2009.

19th November, 2009

No. 948

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Foreign Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister, with effect from Thursday, 19th November 2009, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

19th November, 2009

No. 949

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

20th November, 2009

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

In accordance with section 8 (1) of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) I hereby declare that the undermentioned land should be assessed with the intention of possibly being acquired for a public purpose.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' circa 1,265,129 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk, mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta P.D. 2009_585, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

Is-16 ta' Novembru, 2009

Description of the Land

The following land at Birżebbugia:

1. A plot of land of the area of around 1,265,129 square metres, bounded on the South East, the North and the North East by Government property.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2009_585, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

16th November, 2009

Nru. 950

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA DWAR IL-PROĊEDURA TA' KONSENJA BEJN L-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA U L-IŻLANDA U N-NORVEĠJA

IL-FTEHIM bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, iffirmat fi Vjenna nhar it-28 ta' Ġunju, 2006, qed jiġi ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

(Iff.) Carmelo Mifsud Bonnici
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Is-17 ta' Novembru, 2009

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja
L-UNJONI EWROPEA,
min-naħa waħda, u
R-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA
u
R-RENJU TAN-NORVEĠJA,
min-naħa l-oħra,
minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet Kontraenti",

No. 950

AGREEMENT BETWEEN THE EUROPEAN UNION AND THE REPUBLIC OF ICELAND AND THE KINGDOM OF NORWAY ON THE SURRENDER PROCEDURE BETWEEN THE MEMBER STATES OF THE EUROPEAN UNION AND ICELAND AND NORWAY

THE Agreement between the European Union and the Republic of Iceland and the Kingdom of Norway on the surrender procedure between the Member States of the European Union and Iceland and Norway, signed on the 28 June 2006, in Vienna is being published for general information.

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

(Sd.) Carmelo Mifsud Bonnici
Minister for Justice and Home Affairs

17th November, 2009

Agreement between the European Union and the Republic of Iceland and the Kingdom of Norway on the surrender procedure between the Member States of the European Union and Iceland and Norway

Agreement between the European Union and the Republic of Iceland and the Kingdom of Norway on the surrender procedure between the Member States of the European Union and Iceland and Norway
THE EUROPEAN UNION,
on the one hand, and
THE REPUBLIC OF ICELAND
and
THE KINGDOM OF NORWAY,
on the other hand,
hereinafter referred to as "the Contracting Parties",

FILWAQT LI JIXTIEQU jtejbu l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jipproteġu l-libertà individwali,

WISHING to improve judicial cooperation in criminal matters between the Member States of the European Union and Iceland and Norway, without prejudice to the rules protecting individual freedom,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-relazzjonijiet attwali fost il-Partijiet Kontraenti jeħtieġu koperazzjoni mill-qrib fil-ġlieda kontra l-kriminalità,

CONSIDERING that current relationships among the Contracting Parties require close cooperation in the fight against crime,

FILWAQT LI JESPRIMU l-fiduċja reċiproka tagħhom fl-istruttura u l-funzjonament tas-sistemi ġuridiċi tagħhom u fil-kapaċità tal-Partijiet Kontraenti kollha li jiggarantixxu proċess ġust fil-qorti,

EXPRESSING their mutual confidence in the structure and functioning of their legal systems and in the ability of all Contracting Parties to guarantee a fair trial,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Iżlanda u n-Norveġja esprimew ix-xewqa tagħhom li jidħlu fi ftehim li jippermettilhom iħaffu l-arranġamenti għall-konsenja ta' persuni suspettati u dawk misjuba ħatja mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li japplikaw proċedura ta' konsenja mal-Istati Membri,

CONSIDERING that Iceland and Norway have expressed their wish to enter into an agreement enabling them to expedite arrangements for handing over suspects and convicts with the Member States of the European Union and to apply a surrender procedure with the Member States,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Unjoni Ewropea ukoll tqis bħala kunsiljabbli li jkun hemm tali ftehim fis-seħħ,

CONSIDERING that the European Union also considers it desirable to have such an agreement in place,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li jkun għalhekk xieraq li titwaqqaf sistema għal tali proċedura ta' konsenja;

CONSIDERING that it is therefore appropriate to set up a system for such surrender procedure,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Istati Membri kollha u r-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Iżlanda huma Partijiet għal numru ta' konvenzjonijiet fil-qasam tal-estradizzjoni, inklużi l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 u l-Konvenzjoni Ewropea dwar is-soppressjoni tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977. L-Istati Nordiċi għandhom liġijiet uniformi tal-estradizzjoni b'kunċett komuni tal-estradizzjoni;

CONSIDERING that all Member States and the Kingdom of Norway and the Republic of Iceland are parties to a number of conventions in the field of extradition, including the European Convention on extradition of 13 December 1957 and the European Convention on the suppression of terrorism of 27 January 1977. The Nordic States have uniform extradition laws with a common concept of extradition,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-livell ta' koperazzjoni taħt il-Konvenzjoni tal-UE tal-10 ta' Marzu 1995 dwar il-proċedura simplifikata tal-estradizzjoni u tal-Konvenzjoni tal-UE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni għandu jinżamm fejn ma jistax jiġi miżjud;

CONSIDERING that the level of cooperation under the EU Convention of 10 March 1995 on simplified extradition procedure and of the EU Convention of 27 September 1996 relating to extradition should be maintained where it is not possible to increase it,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li d-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest kif definit b'dan il-Ftehim għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li tfisser li awtorità ġudizzjarja tal-Istat fejn il-persuna mitluba tkun ġiet arrestata għandha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tagħha;

CONSIDERING that decisions on the execution of the arrest warrant as defined by this Agreement must be subject to sufficient controls, which means that a judicial authority of the State where the requested person has been arrested should have to take the decision on his or her surrender,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-rwol tal-awtoritajiet ċentrali fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest kif definit b'dan il-Ftehim għandu jkun limitat għal assistenza prattika u amministrattiva;

CONSIDERING that the role of central authorities in the execution of an arrest warrant as defined by this Agreement should be limited to practical and administrative assistance,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li dan il-Ftehim jirrispetta d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

CONSIDERING that this Agreement respects fundamental rights and in particular the European Convention on Human Rights and Fundamental Freedoms.

Dan il-Ftehim ma jwaqqafx lil Stat milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward il-proċess dovut, il-libertà tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni f'medja oħra u dawk li jiġġieldu għal-libertà;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-ebda persuna ma għandha tiġi konsenjata lil Stat fejn ikun hemm perikolu serju li hija tista' tiġi suġġetta għall-piena kapitali, tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti ieħor;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li billi l-Istati kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar awtomatiku tad-data personali, id-data personali proċessata fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun protetta skond il-prinċipji tal-Konvenzjoni msemmija;

QABLU KIF ĠEJ:

KAPITOLU 1
PRINĊIPJI ĠENERALI
Artikolu 1
Objettiv u Skop

1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li jtejbu, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-konsenja għall-fini ta' prosekuzzjoni jew eżekuzzjoni tas-sentenza bejn, min-naħa waħda, l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Iżlanda, billi jieħdu kont ta', bħala standards minimi, it-termini tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Partijiet Kontraenti jassumu l-impenn, konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li jiżguraw li s-sistema ta' estradizzjoni bejn, min-naħa waħda, l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Iżlanda għandha tkun ibbażata fuq mekkaniżmu ta' konsenja skond il-mandat tal-arrest konformement mat-termini ta' dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim ma għandux ikollu l-effett li jimmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif proklamati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jew, f'każ ta' eżekuzzjoni mill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru, tal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

4. Xejn minn dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi ċ-ċaħda li tiġi konsenjata persuna li għaliha jkun inħareġ mandat ta' arrest kif definit b'dan il-Ftehim meta jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed jaħseb, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-imsemmi mandat ta' arrest ikun inħareġ għall-fini li persuna tiġi mħarrka jew punita għal raġunijiet tas-sess, tar-razza, tar-reliġjon, tal-oriġini

This Agreement does not prevent a State from applying its constitutional rules relating to due process, freedom of association, freedom of the press, freedom of expression in other media and freedom fighters,

CONSIDERING that no person should be surrendered to a State where there is a serious risk that he or she would be subjected to the death penalty, torture or other inhuman or degrading treatment or punishment,

CONSIDERING that since all States have ratified the Council of Europe Convention of 28 January 1981 for the protection of individuals with regard to automatic processing of personal data, the personal data processed in the context of the implementation of this Agreement should be protected in accordance with the principles of the said Convention,

HAVE AGREED AS FOLLOWS:

CHAPTER 1
GENERAL PRINCIPLES
Article 1
Object and purpose

1. The Contracting Parties undertake to improve, in accordance with the provisions of this Agreement, the surrender for the purpose of prosecution or execution of sentence between, on the one hand, the Member States and, on the other hand, the Kingdom of Norway and the Republic of Iceland, by taking account of, as minimum standards, the terms of the Convention of 27 September 1996 relating to extradition between the Member States of the European Union.

2. The Contracting Parties undertake, in accordance with the provisions of this Agreement, to ensure that the extradition system between, on the one hand, the Member States and, on the other hand, the Kingdom of Norway and the Republic of Iceland shall be based on a mechanism of surrender pursuant to an arrest warrant in accordance with the terms of this Agreement.

3. This Agreement shall not have the effect of modifying the obligation to respect fundamental rights and fundamental legal principles as enshrined in the European Convention on Human Rights, or, in case of execution by the judicial authority of a Member State, of the principles referred to in Article 6 of the Treaty on European Union.

4. Nothing in this Agreement should be interpreted as prohibiting refusal to surrender a person in respect of whom an arrest warrant as defined by this Agreement has been issued when there are reasons to believe, on the basis of objective elements, that the said arrest warrant has been issued for the purpose of prosecuting or punishing a person on the grounds of his or her sex, race, religion, ethnic origin,

etnika, tan-nazzjonalità, tal-lingwa, tal-opinjonijiet politiċi jew tal-orjentament sesswali tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tkun tista' tiġi preġudikata għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

1. "Partijiet Kontraenti" għandha tfisser l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Iżlanda.

2. "Stat Membru" għandha tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

3. "Stat" għandha tfisser Stat Membru, ir-Renju tan-Norveġja jew ir-Repubblika tal-Iżlanda.

4. "Stat terz" għandha tfisser kwalunkwe Stat ieħor, divers minn Stat kif definit fil-paragrafu 3

5. "Mandat ta' arrest" għandha tfisser deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat bil-ħsieb tal-arrest u l-konsenja minn Stat ieħor ta' persuna mitluba, għall-finijiet li titmexxa prosekuzzjoni kriminali jew tiġi eżegwita sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni.

Artikolu 3
Kamp ta' applikazzjoni

1. Jista' jinħareġ mandat ta' arrest għal atti punibbli bil-liġi tal-Istat emittenti b'sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-anqas 12-il xahar jew, fejn tkun ingħatat is-sentenza jew inħarġet l-ordni ta' detenzjoni, għal sentenzi ta' mill-anqas erba' xhur.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4, il-konsenja għandha tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-atti li għalihom ikun inħareġ il-mandat ta' arrest jikkostitwixxu reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, irrispettivament mill-elementi kostitwenti jew minn kif ikun deskritt.

3. Suġġett għall-Artikoli 4, 5(1) (b) sa (g), 6, 7 u 8, Stat ma għandu fl-ebda każ jirrifjuta li jeżegwixxi mandat ta' arrest maħruġ fir-rigward tal-kondotta ta' kwalunkwe persuna li tikkontribwixxi għat-twettiq minn grupp ta' persuni li jaġixxu bi skop komuni ta' reat wieħed jew aktar fil-qasam tat-terroriżmu msemmi fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, u fl-Artikolu 1, 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, jew omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna, ħtif, żamma illegali ta' persuna, teħid ta' ostaġġi u stupru, punibbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' għall-inqas 12-il xahar, ukoll meta dik il-persuna ma tieħux sehem fl-eżekuzzjoni effettiva tar-reat jew reati konċernati; tali kontribut għandu

nationality, language, political opinions or sexual orientation, or that that person's position may be prejudiced for any of these reasons.

Article 2
Definitions

1. "Contracting Parties" shall mean the European Union and the Kingdom of Norway and the Republic of Iceland.

2. "Member State" shall mean a Member State of the European Union.

3. "State" shall mean a Member State, the Kingdom of Norway or the Republic of Iceland.

4. "Third State" shall mean any State other than a State as defined in paragraph 3.

5. "Arrest warrant" shall mean a judicial decision issued by a State with a view to the arrest and surrender by another State of a requested person, for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order.

Article 3
Scope

1. An arrest warrant may be issued for acts punishable by the law of the issuing State by a custodial sentence or a detention order for a maximum period of at least 12 months or, where a sentence has been passed or a detention order has been made, for sentences of at least four months.

2. Without prejudice to paragraphs 3 and 4, surrender shall be subject to the condition that the acts for which the arrest warrant has been issued constitute an offence under the law of the executing State, whatever the constituent elements or however it is described.

3. Subject to Articles 4, 5(1)(b) to (g), 6, 7 and 8, in no case shall a State refuse to execute an arrest warrant issued in relation to the behaviour of any person who contributes to the commission by a group of persons acting with a common purpose of one or more offences in the field of terrorism referred to in Articles 1 and 2 of the European Convention on the Suppression of Terrorism and Articles 1, 2, 3 and 4 of the Framework Decision of 13 June 2002 on combating terrorism, illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances, or murder, grievous bodily injury, kidnapping, illegal restraint, hostage-taking and rape, punishable by deprivation of liberty or a detention order of a maximum of at least 12 months, even where that person does not take part in the actual execution of the offence or offences concerned; such contribution shall be intentional and made

jkun bi ħsieb tal-persuna u magħmul bil-konoxxenza ulterjuri li l-parteċipazzjoni tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq tal-attivitajiet kriminali tal-organizzazzjoni.

4. In-Norveġja u l-Iżlanda, min-naħa waħda, u l-UE, f'isem kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri, min-naħa l-oħra jistgħu jagħmlu dikjarazzjoni bl-effett li, abbażi tar-reċiproċità, il-kondizzjoni ta' kriminalità doppja msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex tiġi applikata taħt il-kondizzjonijiet disposti minn hawn 'il quddiem. Ir-reati li ġejjin, jekk ikunu punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' priġunerija jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mhux anqas minn tliet snin u kif inhuma definiti bil-liġi tal-Istat emittenti, għandhom, taħt it-termini ta' dan il-Ftehim u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-att, jagħtu lok għall-konsenja segwenti għal mandat ta' arrest:

- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
- terroriżmu,
- traffikar tal-bnedmin,
- sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal,
- traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi,
- traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi,
- korruzzjoni,
- frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fi ħdan is-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
- laundering ta' rikavati ta' kriminalità,
- falsifikazzjoni ta' muniti, inkluża dik tal-euro,
- reati relatati mal-informatika,
- reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-perikolu ta' estinsjoni u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti fil-perikolu ta' estinsjoni,
- faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,
- omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna,
- kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,
- ħtif ta' persuna, żamma illegali ta' persuna u teħid ta' ostaġġi,
- razziżmu u ksenofobja,
- serq organizzat jew bl-użu ta' armi,
- traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti tal-antikwarjat u opri tal-arti,
- frodi,
- racketeering u estorsjoni,
- falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,
- falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,
- falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,
- traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir,
- traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,
- traffikar ta' vetturi misruqin,
- stupru,
- ħruq volontarju ta' proprjetà,

with the further knowledge that his or her participation will contribute to the achievement of the organisation's criminal activities.

4. Norway and Iceland, on the one hand, and the EU, on behalf of any of its Member States, on the other hand may make a declaration to the effect that, on the basis of reciprocity, the condition of double criminality referred to in paragraph 2 shall not be applied under the conditions set out hereafter. The following offences, if they are punishable in the issuing State by a custodial sentence or a detention order for a maximum period of at least three years and as they are defined by the law of the issuing State, shall, under the terms of this Agreement and without verification of the double criminality of the act, give rise to surrender pursuant to an arrest warrant:

- participation in a criminal organisation,
- terrorism,
- trafficking in human beings,
- sexual exploitation of children and child pornography,
- illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances,
- illicit trafficking in weapons, munitions and explosives,
- corruption,
- fraud, including that affecting the financial interests of the European Communities within the meaning of the Convention of 26 July 1995 on the protection of the European Communities' financial interests,
- laundering of the proceeds of crime,
- counterfeiting currency, including of the euro,
- computer-related crime,
- environmental crime, including illicit trafficking in endangered animal species and in endangered plant species and varieties,
- facilitation of unauthorised entry and residence,
- murder, grievous bodily injury,
- illicit trade in human organs and tissue,
- kidnapping, illegal restraint and hostage-taking,
- racism and xenophobia,
- organised or armed robbery,
- illicit trafficking in cultural goods, including antiques and works of art,
- swindling,
- racketeering and extortion,
- counterfeiting and piracy of products,
- forgery of administrative documents and trafficking therein,
- forgery of means of payment,
- illicit trafficking in hormonal substances and other growth promoters,
- illicit trafficking in nuclear or radioactive materials,
- trafficking in stolen vehicles,
- rape,
- arson,

- reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
- ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/ta' bastimenti,
- sabotaġġ.

Artikolu 4

Raġunijiet għan-non-eżekuzzjoni obbligatorja tal-mandat ta' arrest

L-Istati għandhom jistabbilixxu obbligu għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tirrifjuta li teżegwixxi il-mandat ta' arresti fil-każijiet li ġejjin:

1. jekk ir-reat li fuqu jkun bbażat il-mandat ta' arrest ikun kopert b'amnestija fl-Istat ta' eżekuzzjoni, meta dak l-Istat kellu l-ġurisdizzjoni li jipproċessa r-reat taħt il-liġi kriminali tiegħu stess;

2. jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun informata li fir-rigward tal-persuna mitluba tkun ingħatat sentenza finali minn Stat fir-rigward tal-istess atti bil-kondizzjoni li, meta tkun ingħatat sentenza, is-sentenza tkun ġiet skontata jew tkun qiegħda tiġi skontata jew ma tkunx tista' tibqa' tiġi eżegwita taħt il-liġi tal-Istat fejn ingħatat is-sentenza;

3. jekk il-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom ikun ibbażat il-mandat ta' arrest taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

Artikolu 5

Raġunijiet oħra għan-non-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest

1. L-Istati jistgħu jistabbilixxu obbligu jew fakultà għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk, f'wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(2), l-att li fuqu ikun ibbażat il-mandat ta' arrest ma jkunx jikkostitwixxi reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dwana u kambju, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest ma għandhiex tiġi miċħuda għar-raġuni li l-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew ma fihiex l-istess tip ta' regoli rigward taxxi, dazji u dwana u regolamenti ta' skambju bħal-liġi tal-Istat emittenti.

(b) fejn il-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest tkun qed tiġi proċessata fl-Istat ta' eżekuzzjoni għall-istess att li fuqu jkun ibbażat il-mandat ta' arrest;

(ċ) fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni jkunu ddeċidew li ma jipproċessawx ir-reat li fuqu jkun ibbażat il-mandat ta' arrest jew li jwaqqfu l-proċedimenti,

- crimes within the jurisdiction of the International Criminal Court,
- unlawful seizure of aircraft/ships,
- sabotage.

Article 4

Grounds for mandatory non-execution of the arrest warrant

States shall establish an obligation for the executing judicial authority to refuse to execute the arrest warrant in the following cases:

1. if the offence on which the arrest warrant is based is covered by amnesty in the executing State, where that State had jurisdiction to prosecute the offence under its own criminal law;

2. if the executing judicial authority is informed that the requested person has been finally judged by a State in respect of the same acts provided that, where there has been sentence, the sentence has been served or is currently being served or may no longer be executed under the law of the sentencing State;

3. if the person who is the subject of the arrest warrant may not, owing to his age, be held criminally responsible for the acts on which the arrest warrant is based under the law of the executing State.

Article 5

Other grounds for non-execution of the arrest warrant

1. States can establish an obligation or an option for the executing judicial authority to refuse to execute the arrest warrant in the following cases:

(a) if, in one of the cases referred to in Article 3(2), the act on which the arrest warrant is based does not constitute an offence under the law of the executing State; however, in relation to taxes or duties, customs and exchange, execution of the arrest warrant shall not be refused on the ground that the law of the executing State does not impose the same kind of tax or duty or does not contain the same type of rules as regards taxes, duties and customs and exchange regulations as the law of the issuing State;

(b) where the person who is the subject of the arrest warrant is being prosecuted in the executing State for the same act as that on which the arrest warrant is based;

(c) where the judicial authorities of the executing State have decided either not to prosecute for the offence on which the arrest warrant is based or to halt proceedings, or where a

jew meta tkun ingħatat sentenza finali fir-rigward tal-persuna mitluba fi Stat, fir-rigward tal-istess atti, li timpedixxi aktar proċedimenti;

(d) meta l-prosekuzzjoni kriminali jew il-kastig tal-persuna mitluba ikunu preskritti skond il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u l-atti jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat taħt il-liġi kriminali tiegħu stess;

(e) jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun informata li tkun ingħatat sentenza finali fir-rigward tal-persuna mitluba minn Stat terz rigward l-istess atti bil-kondizzjoni li, meta tkun ingħatat is-sentenza, is-sentenza tkun ġiet skontata jew tkun qiegħda tiġi skontata jew ma tkunx tista' tibqa' tiġi eżegwita taħt il-liġi tal-pajjiż tas-sentenza;

(f) jekk il-mandat ta' arrest ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ta' ordni ta' detenzjoni, meta l-persuna mitluba tkun tirrisjedi fl-Istat ta' eżekuzzjoni, jew tkun ċittadin tiegħu, u dak l-Istat jimpenja ruħu li jeżegwixxi s-sentenza jew l-ordni ta' detenzjoni konformement mal-liġi nazzjonali tiegħu;

(g) fejn il-mandat ta' arrest jirrigwarda reati li:

(i) jkunu konsidrati mil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni bħala atti li twettqu kompletament jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew f'post li jkun meqjus bħala tali;

jew

(ii) twettqu barra t-territorju tal-Istat emittenti u l-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma tippermettix il-prosekuzzjoni għall-istess reati meta jitwettqu barra t-territorju tiegħu.

2. Kull Stat għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal-liema mir-raġunijiet ta' non-eżekuzzjoni tal-paragrafu 1, huwa jkun stabbilixxa obbligu għall-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li jirrifjutaw l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati kollha u għall-Kummissjoni.

Artikolu 6
Eċċezzjoni għal reati politiċi

1. L-eżekuzzjoni ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni li r-reat jista' jitqies mill-Istat ta' eżekuzzjoni bħala reat politiku, reat konness ma' reat politiku jew reat ispirat minn motivi politiċi.

2. In-Norveġja u l-Iżlanda, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea, f'isem kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra jistgħu jagħmlu, madankollu, dikjarazzjoni bl-effett li l-paragrafu 1 jiġi applikat biss fir-rigward ta':

(a) ir-reati msemmijin fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu;

final judgement has been passed upon the requested person in a State, in respect of the same acts, which prevents further proceedings;

(d) where the criminal prosecution or punishment of the requested person is statute-barred according to the law of the executing State and the acts fall within the jurisdiction of that State under its own criminal law;

(e) if the executing judicial authority is informed that the requested person has been finally judged by a third State in respect of the same acts provided that, where there has been sentence, the sentence has been served or is currently being served or may no longer be executed under the law of the sentencing country;

(f) if the arrest warrant has been issued for the purposes of execution of a custodial sentence or detention order, where the requested person is staying in, or is a national or a resident of the executing State and that State undertakes to execute the sentence or detention order in accordance with its domestic law;

(g) where the arrest warrant relates to offences which:

(i) are regarded by the law of the executing State as having been committed in whole or in part in the territory of the executing State or in a place treated as such;

or

(ii) have been committed outside the territory of the issuing State and the law of the executing State does not allow prosecution for the same offences when committed outside its territory.

2. Each State shall inform the General Secretariat of the Council for which of the grounds of non-execution of paragraph 1, it has established an obligation for its executing judicial authorities to refuse the execution of an arrest warrant. The General Secretariat shall make the information received available to all States and the Commission.

Article 6
Political offence exception

1. Execution may not be refused on the ground that the offence may be regarded by the executing State as a political offence, as an offence connected with a political offence or an offence inspired by political motives.

2. Norway and Iceland, on the one hand, and the European Union, on behalf of any of its Member States, on the other hand, may make, however, a declaration to the effect that paragraph 1 will be applied only in relation to:

(a) the offences referred to in Articles 1 and 2 of the European Convention on the Suppression of Terrorism;

(b) reati ta' konġura jew assoċjazzjoni - li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tal-kondotta msemmija fl-Artikolu 3(3) - sabiex jitwettaq wieħed jew aktar mir-reati msemmijin fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu;

u

(ċ) u l-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3. Meta jkun inħareġ mandat ta' arrest minn Stat li għamel dikjarazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, jew minn Stat li f'ismu tkun saret tali dikjarazzjoni, l-Istat li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest, jista' japplika r-reċiproċità.

Artikolu 7
Eċċezzjoni dwar ċittadinanza

1. L-eżekuzzjoni ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni li l-persuna mitluba tkun ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. In-Norveġja u l-Iżlanda, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea, f'isem kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, jistgħu jagħmlu dikjarazzjoni bl-effett li ma jiġux konsenjati ċittadini jew li l-konsenja tkun awtorizzata biss taħt ċerti kondizzjonijiet speċifikati.

3. Meta jkun inħareġ mandat ta' arrest minn Stat li għamel dikjarazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, jew minn Stat li għalih tkun saret tali dikjarazzjoni, kwalunkwe Stat ieħor jista', fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest, japplika r-reċiproċità.

Artikolu 8
Garanziji li jingħataw mill-Istat emittenti f'każijiet partikolari

L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. meta l-mandat ta' arrest ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni imposta b'deċiżjoni meħuda in absentia u jekk il-persuna konċernata ma ġietx imħarrka personalment jew informata b'mod ieħor dwar id-data u l-post tas-smigħ li wassal għad-deċiżjoni meħuda in absentia, il-konsenja tista' tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tagħti assigurazzjoni meqjusa adegwata li tiggarantixxi lill-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest li hija jkollha opportunità li tapplika għal kawża mill-ġdid fl-Istat emittenti u li tkun preżenti waqt l-għoti tas-sentenza;

2. jekk ir-reat li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat ta' arrest ikun punibbli b'sentenza ta' priġunerija għall-għomor jew ordni ta' detenzjoni għall-għomor, l-eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' arrest tista' tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-Istat emittenti jagħti assigurazzjoni meqjusa suffiċjenti mill-Istat ta'

(b) offences of conspiracy or association — which correspond to the description of behaviour referred to in Article 3(3) — to commit one or more of the offences referred to in Articles 1 and 2 of the European Convention on the Suppression of Terrorism;

and

(c) Articles 1, 2, 3 and 4 of the Framework Decision of 13 June 2002 on combating terrorism.

3. Where an arrest warrant has been issued by a State having made a declaration as referred to in paragraph 2, or by a State on behalf of which such a declaration has been made, the State executing the arrest warrant, may apply reciprocity.

Article 7
Nationality exception

1. Execution may not be refused on the ground that the person claimed is a national of the executing State.

2. Norway and Iceland, on the one hand, and the European Union, on behalf of any of its Member States, on the other hand, may make a declaration to the effect that nationals will not be surrendered or that surrender will be authorised only under certain specified conditions.

3. Where an arrest warrant has been issued by a State having made a declaration as referred to in paragraph 2, or by a State for which such a declaration has been made, any other State may, in the execution of the arrest warrant, apply reciprocity.

Article 8
Guarantees to be given by the issuing State in particular cases

The execution of the arrest warrant by the executing judicial authority may be subject to the following conditions:

1. where the arrest warrant has been issued for the purposes of executing a sentence or a detention order imposed by a decision rendered in absentia and if the person concerned has not been summoned in person or otherwise informed of the date and place of the hearing which led to the decision rendered in absentia, surrender may be subject to the condition that the issuing judicial authority gives an assurance deemed adequate to guarantee the person who is the subject of the arrest warrant that he or she will have an opportunity to apply for a retrial of the case in the issuing State and to be present at the judgment;

2. if the offence on the basis of which the arrest warrant has been issued is punishable by custodial life sentence or life-time detention order the execution of the said arrest warrant may be subject to the condition that the issuing State gives an assurance deemed sufficient by the executing state that it

eżekuzzjoni li jirrivedi l-piena jew il-miżura imposta, fuq talba jew l-aktar tard wara 20 sena, jew li jħeġġeġ l-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li għalihom il-persuna tkun intitolata li tapplika taħt il-liġi jew il-prassi tal-Istat emittenti, bl-għan tan-non-eżekuzzjoni ta' tali piena jew miżura;

3. meta persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest għall-finijiet ta' prosekuzzjoni tkun ċittadin jew resident tal-Istat ta' eżekuzzjoni, il-konsenja tista' tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tiġi mismugħa, tingħata lura lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex hemmhekk hija tiskonta s-sentenza ta' priġunerija jew l-ordni ta' detenzjoni mogħtija kontriha fl-Istat emittenti.

Artikolu 9
Determinazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti

1. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti li jkollha l-kompetenza li toħroġ mandat ta' arrest bis-saħħa tad-dritt ta' dak l-Istat.

2. L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jkollha l-kompetenza li teżegwixxi l-mandat ta' arrest bis-saħħa tad-dritt ta' dak l-Istat. Meta ssir in-notifika msemmija fl-Artikolu 38(1), jista' jinħatar Ministru tal-Ġustizzja bħala awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest, kemm jekk il-Ministru tal-Ġustizzja jkun awtorità ġudizzjarja taħt il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat u kemm jekk ma jkunx.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinformaw lil xulxin dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

Artikolu 10
Rikors għall-awtorità ċentrali

1. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jinnotifikaw lil xulxin dwar l-awtorità ċentrali għal kull Stat, meta jkunu ħatru tali awtorità, jew, meta s-sistema legali tal-Istat relevanti tipprovdi hekk, dwar aktar minn awtorità ċentrali waħda sabiex jassistu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

2. Meta jagħmlu hekk il-Partijiet Kontraenti jistgħu jindikaw li, bħala riżultat tal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tal-Istati relevanti, l-awtorità jew awtoritajiet ċentrali huma responsabbli għat-trasmissjoni u r-reċezzjoni amministrattiva tal-mandati ta' arrest kif ukoll għall-korrispondenza uffiċjali l-oħra kollha relatati ma' dawn. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu obbligatorji għall-awtoritajiet kollha tal-Istat emittenti

Artikolu 11
Kontenut u formola tal-mandat ta' arrest

1. Il-mandat ta' arrest għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja esposta skond il-formola li tinsab fl-Anness I ma' dan il-Ftehim:

will review the penalty or measure imposed, on request or at the latest after 20 years, or will encourage the application of measures of clemency to which the person is entitled to apply for under the law or practice of the issuing State, aiming at a non-execution of such penalty or measure;

3. where a person who is the subject of an arrest warrant for the purposes of prosecution is a national or resident of the executing State, surrender may be subject to the condition that the person, after being heard, is returned to the executing State in order to serve there the custodial sentence or detention order passed against him in the issuing State.

Article 9
Determination of the competent judicial authorities

1. The issuing judicial authority shall be the judicial authority of the issuing State which is competent to issue an arrest warrant by virtue of the law of that State.

2. The executing judicial authority shall be the judicial authority of the executing State which is competent to execute the arrest warrant by virtue of the law of that State. At the moment of notification referred to in Article 38(1), a Minister of Justice may be designated as a competent authority for the execution of an arrest warrant, whether or not the Minister of Justice is a judicial authority under the domestic law of that State.

3. The Contracting Parties shall inform each other of their competent authorities.

Article 10
Recourse to the central authority

1. The Contracting Parties may notify each other of the central authority for each State, having designated such an authority, or, when the legal system of the relevant State so provides, of more than one central authority to assist the competent judicial authorities.

2. In doing so the Contracting Parties may indicate that, as a result of the organisation of the internal judicial system of the relevant States, the central authority(ies) are responsible for the administrative transmission and reception of arrest warrants as well as for all other official correspondence relating thereto. These indications shall be binding upon all the authorities of the issuing State.

Article 11
Content and form of the arrest warrant

1. The arrest warrant shall contain the following information set out in accordance with the form contained in the Annex to this Agreement:

(a) l-identità u ċ-ċittadinanza tal-persuna mitluba;

(b) l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-fax u l-indirizz elettroniku tal-awtorità ġudizzjarja emittenti;

(ċ) prova ta' sentenza inforzabbli, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja inforzabbli oħra li jkollha l-istess effett, li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikoli 2 u 3;

(d) in-natura u l-klassifikazzjoni ġuridika tar-reat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3;

(e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna mitluba;

(f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala preskritta tal-pieni għar-reat taħt il-liġi tal-Istat emittenti;

(g) jekk ikun possibbli, il-konsegwenzi l-oħra tar-reat.

2. Il-mandat ta' arrest għandu jiġi tradott għal-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista', meta dan il-Ftehim jiġi konkluż jew f'data aktar tard, tagħmel dikjarazzjoni bl-effett li t-traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar ta' Stat ikunu aċċettati.

KAPITOLU 2
PROĊEDURA TA' KONSENJA
Artikolu 12
Trasmissjoni ta' mandat ta' arrest

1. Meta jkun magħruf il-post fejn tinsab il-persuna mitluba, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tittrasmetti l-mandat ta' arrest direttament lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

2. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li tagħmel sejħa ta' allarm fir-rigward tal-persuna mitluba fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

Tali sejħa ta' allarm għandha ssir konformement mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen dwar persuni għall-iskop ta' konsenja. Sejħa ta' allarm fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest akkumpanjat bl-informazzjoni esposta fl-Artikolu 11(1).

3. Għal perjodu transizzjonali, sakemm l-SIS tkun tista' tittrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 11, is-sejħa ta' allarm għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest sakemm l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirċievi l-oriġinal fil-forma dovuta u proprja.

Artikolu 13
Proċeduri dettaljati għat-trasmissjoni ta' mandat ta' arrest

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma tkunx taf liema tkun l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' eżekuzzjoni, hija

(a) the identity and nationality of the requested person;

(b) the name, address, telephone and fax numbers and e-mail address of the issuing judicial authority;

(c) evidence of an enforceable judgement, an arrest warrant or any other enforceable judicial decision having the same effect, coming within the scope of Articles 2 and 3;

(d) the nature and legal classification of the offence, particularly in respect of Article 3;

(e) a description of the circumstances in which the offence was committed, including the time, place and degree of participation in the offence by the requested person;

(f) the penalty imposed, if there is a final judgment, or the prescribed scale of penalties for the offence under the law of the issuing State;

(g) if possible, other consequences of the offence.

2. The arrest warrant must be translated into the official language or one of the official languages of the executing State. Any Contracting Party may, when this Agreement is concluded or at a later date, make a declaration to the effect that a translation in one or more other official languages of a State will be accepted.

CHAPTER 2
SURRENDER PROCEDURE
Article 12
Transmission of an arrest warrant

1. When the location of the requested person is known, the issuing judicial authority may transmit the arrest warrant directly to the executing judicial authority.

2. The issuing judicial authority may, in any event, decide to issue an alert for the requested person in the Schengen Information System (SIS).

Such an alert shall be effected in accordance with the relevant provisions of European Union law on alerts in the Schengen Information System on persons for the purpose of surrender. An alert in the Schengen Information System shall be equivalent to an arrest warrant accompanied by the information set out in Article 11(1).

3. For a transitional period, until the SIS is capable of transmitting all the information described in Article 11, the alert shall be equivalent to an arrest warrant pending the receipt of the original in due and proper form by the executing judicial authority.

Article 13
Detailed procedures for transmitting an arrest warrant

1. If the issuing judicial authority does not know the competent executing judicial authority, it shall make the

għandha tagħmel l-istħarriġ meħtieġ sabiex tikseb dik l-informazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Jekk ma jkunx possibbli li jintużaw is-servizzi tal-SIS, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' ssejjaħ lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (l-Interpol) sabiex tittrasmetti mandat ta' arrest.

3. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tibgħat il-mandat ta' arrest bi kwalunkwe mezz protett li jista' jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni li jistabbilixxi l-awtenticità tiegħu.

1. Talbiet għal estradizzjoni li jiġu rċevuti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu regolati mill-istrumenti eżistenti relatati mal-estradizzjoni. Talbiet riċevuti wara dik id-data għandhom jiġu regolati minn dan il-Ftehim.

2. In-Norveġja u l-Iżlanda, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea, f'isem kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri

(b) Title III, Chapter 4 of the Convention of 19 June 1990 implementing the Schengen Agreement of 14 June 1985 on the gradual abolition of checks at common borders;

(c) Schengen-relevant provisions of the 1995 and 1996 EU Extradition Conventions to the extent that they are in force.

2. States may continue to apply bilateral or multilateral agreements or arrangements in force when this Agreement is concluded in so far as such agreements or arrangements allow the objectives of this Agreement to be extended or enlarged and help to simplify or facilitate further the procedures for surrender of persons who are the subject of an arrest warrant. The Contracting Parties shall notify each other of any such agreements or arrangements.

3. States may conclude bilateral or multilateral agreements or arrangements after this Agreement has come into force in so far as such agreements or arrangements allow the prescriptions of this Agreement to be extended or enlarged and help to simplify or facilitate further the procedures for surrender of persons who are the subject of an arrest warrant, in particular by fixing time limits shorter than those fixed in Article 20, by extending the list of offences laid down in Article 3(4), by further limiting the grounds for refusal set out in Articles 4 and 5, or by lowering the threshold provided for in Article 3(1) or (4).

The agreements and arrangements referred to in the first subparagraph may in no case affect relations with States which are not parties to them.

The Contracting Parties shall also notify each other of any such new agreement or arrangement as referred to in the first subparagraph, within three months of signing it.

4. Where the conventions or agreements referred to in paragraph 1 apply to the territories of States or to territories for whose external relations a State is responsible to which this Agreement does not apply, these instruments shall continue to govern the relations existing between those territories and the other States.

Article 35
Transitional provision

1. Extradition requests received before the date of entry into force of this Agreement will continue to be governed by existing instruments relating to extradition. Requests received after that date will be governed by this Agreement.

2. Norway and Iceland, on the one hand, and the European Union, on behalf of any of its Member States, on the other

tagħha, min-naħa l-oħra, jistgħu, fil-mument tan-notifika prevista fl-Artikolu 38(1), jagħmlu dikjarazzjoni li, bħala Stat ta' eżekuzzjoni, l-Istat sejjer ikompli japplika s-sistema ta' estradizzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' atti kommessi qabel data li huwa jispeċifika. Id-data in kwistjoni ma tistax tkun aktar tard mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Id-dikjarazzjoni msemmija tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe waqt.

Artikolu 36
Riżoluzzjoni ta' disputi

Kwalunkwe disputa bejn l-Iżlanda jew in-Norveġja u Stat Membru tal-Unjoni Ewropea rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi riferita minn Parti fid-disputa lil laqgħa ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Iżlanda u n-Norveġja, bil-ħsieb tar-riżoluzzjoni tagħha fi żmien sitt xhur.

Artikolu 37
Każistika

Il-Partijiet Kontraenti, sabiex jinkiseb l-objettiv tal-applikazzjoni u l-interpretazzjoni l-aktar uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jirrivedu kontinwament l-iżvilupp tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll l-iżvilupp tal-każistika tal-qrati kompetenti tal-Iżlanda u n-Norveġja rigward dawn id-dispożizzjonijiet u dawk ta' strumenti simili ta' konsenja. Għal dan il-għan għandu jitwaqqaf mekkaniżmu sabiex jiżgura t-trasmissjoni reċiproka regolari ta' din il-każistika.

Artikolu 38
Notifiki, dikjarazzjonijiet u dħul fis-seħħ

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa sabiex jesprimu l-kunsens tagħhom li jkunu marbutin b'dan il-Ftehim

2. Meta jagħtu n-notifika tagħhom skond il-paragrafu 1 il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu kwalunkwe min-notifiki jew dikjarazzjonijiet previsti fl-Artikoli 5(2), 9(3), 28(2) u 34(2) ta' dan il-Ftehim u jistgħu jagħmlu kwalunkwe min-notifiki jew dikjarazzjonijiet previsti fl-Artikoli 3(4), 6(2), 7(2), 10(1), 11(2), 16(4), 20(5), 30(1), 31(1) u 35(2) ta' dan il-Ftehim. Id-dikjarazzjonijiet jew notifiki msemmijin fl-Artikoli 3(4), 10(1) u 11(2) jistgħu jsiru fi kwalunkwe waqt. Id-dikjarazzjonijiet jew notifiki msemmijin fl-Artikoli 9(3) u 28(2) jistgħu jiġu modifikati, u dawk imsemmijin fl-Artikoli 5(2), 6(2), 7(2), 10(1), 16(4), 20(5), 34(2) u 35(2) irtirati, fi kwalunkwe waqt.

3. Fejn l-Unjoni Ewropea tagħmel tali dikjarazzjonijiet jew notifiki għandha tindika għal liema mill-Istati Membri tagħha tapplika d-dikjarazzjoni.

hand, may, at the time of the notification provided for in Article 38(1), make a statement indicating that, as executing State, the State will continue to apply the extradition system applicable before the entry into force of this Agreement in relation to acts committed before a date which it specifies. The date in question may not be later than the entry into force of this Agreement. The said statement may be withdrawn at any time.

Article 36
Dispute settlement

Any dispute between either Iceland or Norway and a Member State of the European Union regarding the interpretation or the application of this Agreement may be referred by a party to the dispute to a meeting of representatives of the governments of the Member States of the European Union and of Iceland and Norway, with a view to its settlement within six months.

Article 37
Case law

The Contracting Parties, in order to achieve the objective of arriving at as uniform an application and interpretation as possible of the provisions of this Agreement, shall keep under constant review the development of the case law of the Court of Justice of the European Communities, as well as the development of the case law of the competent courts of Iceland and Norway relating to these provisions and to those of similar surrender instruments. To this end a mechanism shall be set up to ensure regular mutual transmission of such case law.

Article 38
Notifications, declarations, entry into force

1. The Contracting Parties shall notify each other of the completion of the procedures required to express their consent to be bound by this Agreement.

2. When giving their notification under paragraph 1 the Contracting Parties shall make any of the notifications or declarations provided for in Articles 5(2), 9(3), 28(2) and 34(2) of this Agreement and may make any of the notifications or declarations provided for in Articles 3(4), 6(2), 7(2), 10(1), 11(2), 16(4), 20(5), 30(1), 31(1) and 35(2) of this Agreement. The declarations or notifications referred to in Articles 3(4), 10(1) and 11(2) may be made at any time. The declarations or notifications referred to in Articles 9(3) and 28(2) may be modified, and those referred to in Articles 5(2), 6(2), 7(2), 10(1), 16(4), 20(5), 34(2) and 35(2) withdrawn, at all times.

3. Where the European Union makes such declarations or notifications it shall indicate for which of its Member States the declaration applies.

4. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara l-jum li fih is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jkun stabbilixxa li ġew sodisfatti r-rekwiżiti formali kollha rigward l-espressjoni tal-kunsens mill-Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

Artikolu 39
Adeżjoni

L-adeżjoni minn Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea għandha toħloq drittijiet u obbligi taħt il-Ftehim preżenti bejn dawk l-Istati Membri ġodda u l-Iżlanda u n-Norveġja.

Artikolu 40
Reviżjoni komuni

Il-Partijiet Kontraenti jiftiehmu li jwettqu reviżjoni komuni ta' dan il-Ftehim mhux aktar tard minn 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u b'mod partikolari tad-dikjarazzjonijiet magħmulin skond l-Artikoli 3(4), 6(2), 7(2) u 20(5) ta' dan il-Ftehim. Fejn id-dikjarazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 7(2) ma jiġux imġedda, huma għandhom jiskadu 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Ir-reviżjoni għandha b'mod partikolari tindirizza l-implementazzjoni prattika, l-interpretazzjoni u l-iżvilupp tal-Ftehim u tista' wkoll tinkludi kwistjonijiet bħall-konsegwenzi ta' żvilupp ulterjuri tal-Unjoni Ewropea relatat mas-suġġett ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 41
Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat mill-Partijiet Kontraenti. Fil-każ ta' terminazzjoni mill-Iżlanda jew min-Norveġja, dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Parti Kontraenti li għaliha huwa ma jkunx ġie terminat.

2. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim bis-saħħa tal-paragrafu 1 għandha ssir effettiva sitt xhur wara d-depożitu tan-notifika tat-terminazzjoni. Il-proċeduri għall-konformità ma' talbiet għal konsenja li jkunu għadhom pendenti f'dik id-data għandhom jiġu konklużi konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 42
Depożitarju

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jaġixxi bħala d-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

2. Id-depożitarju għandu jagħmel pubblika l-informazzjoni dwar kull notifika jew dikjarazzjoni magħmula rigward dan il-Ftehim

4. This Agreement shall enter into force on the first day of the third month following the day on which the Secretary-General of the Council of the European Union has established that all formal requirements concerning the expression of the consent by the Contracting Parties to this Agreement have been fulfilled.

Article 39
Accession

Accession by new Member States to the European Union shall create rights and obligations under the present Agreement between those new Member States and Iceland and Norway.

Article 40
Common review

The Contracting Parties agree to carry out a common review of this Agreement no later than five years after its entry into force, and in particular of the declarations made under Articles 3(4), 6(2), 7(2) and 20(5) of this Agreement. Where the declarations referred to in Article 7(2) are not renewed, they shall expire five years after the entry into force of this Agreement. The review shall in particular address the practical implementation, interpretation and development of the Agreement and may also include issues such as the consequences of further development of the European Union relating to the subject matter of this Agreement.

Article 41
Termination

1 This Agreement may be terminated by the Contracting Parties. In the event of termination by either Iceland or Norway, this Agreement shall remain in force between the European Union and the Contracting Party for which it has not been terminated.

2. Termination of this Agreement pursuant to paragraph 1 shall take effect six months after the deposit of the notification of termination. Procedures for complying with requests for surrender still pending at that date shall be completed in conformity with the provisions of this Agreement.

Article 42
Depository

1. The Secretary General of the Council of the European Union shall act as the depository of this Agreement.

2. The depository shall make public information on any notification or declaration made concerning this Agreement.

Magħmul fi Vjenna fit-28 ta' Ġunju 2006 f'kopja waħda unika bil-lingwa Islandiża, Norveġiża, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ġermaniża, Ingliża, Estona, Franċiża, Finlandiża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull verżjoni ugwalment awtentika.

Għall-Unjoni Ewropea
Ghar-Repubblika tal-Iżlanda
Ghar-Renju tan-Norveġja

Done at Vienna on 28 June 2006 in one single copy in the Icelandic, Norwegian, Czech, Danish, Dutch, German, English, Estonian, French, Finnish, Greek, Hungarian, Irish, Italian, Latvian, Lithuanian, Maltese, Polish, Portuguese, Slovak, Slovenian, Spanish and Swedish languages, each version being equally authentic.

For the European Union
For the Republic of Iceland
For the Kingdom of Norway

Nru. 951

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (UFFIĊĊJU KONĠUNT)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 951

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (JOINT OFFICE)

THE Permanent Secretary in the Ministry Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Rosario Galea	Aġent Direttur Acting *Director*	Uffiċċju Konġunt *Joint Office*	02 –11.12.2009

L-20 ta' Novembru, 2009

20th November, 2009

Nru. 952

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 952

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20. 11. 09	€24.862	€0.426

L-20 ta' Novembru, 2009

20th November, 2009

Nru. 953

ELEZZJONI KAŻWALI 2009 – QALA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fis-17-il jum ta' Novembru, 2009, biex jimtela l-post li tbattal minn Camilleri Anthony, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 953

CASUAL ELECTION 2009 – QALA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 17th day of November, 2009, to fill the seat vacated by Camilleri Anthony, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **174**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **87**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA BORG JESMOND	141E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	33
Total *Total*	174

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi BORG JESMOND ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum is-17-il jum ta' Novembru, 2009
Dated this 17th day of November, 2009

EDWARD R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG M. CALLUS S. FENECH V. GANADO
S. SANT T. SULTANA R. ZAMMIT J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

L-20 ta' Novembru, 2009 20th November, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 124

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Novembru 2009 mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Immakulata, San Nikola u Alessandra.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Diċembru 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Pelegrinaġġ,Wesgħa tan-Natività, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt u Pjazza Pawlino Vassallo.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Diċembru 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku, Ġanni Pace u Santa Tereża.

Nhar it-Tnejn, is-7 ta' Diċembru 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Bieb Santa Liena, il-Pellegrinaġġ, Pjazza l-25 ta' Ġunju 1905 u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar it-Tnejn, is-7 ta' Diċembru 2009 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Immakulata, San Nikola u Alessandra.

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Diċembru 2009 mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb ta' Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ sa quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni.

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Diċembru 2009 mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq il-Ġublew tal-Fidda, il-Birgu.

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Diċembru 2009 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Immakulata, San Nikola u Alessandra.

POLICE NOTICE

No. 124

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Saturday, 28th November 2009 from 7.00 p.m. to 8.30 p.m. through the following streets: l-Immakulata, San Nikola and Alessandra.

On Saturday, 5th December 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: il-Pelegrinaġġ,Wesgħa tan-Natività, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church area, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt and Pjazza Pawlino Vassallo.

On Sunday, 6th December 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku, Ġanni Pace and Santa Tereża.

On Monday, 7th December 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Bieb Santa Liena, il-Pellegrinaġġ, Pjazza l-25 ta' Ġunju 1905 and Pjazza Paolino Vassallo.

On Monday, 7th December 2009 from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and from 5.00 p.m. to 10.30 p.m. through the following streets: l-Immakulta, San Nikola and Alessandra.

On Tuesday, 8th December 2009 from 9.00 a.m. to 5.00 p.m. through the following streets: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb ta' Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ up to the Immaculate Conception Church.

On Tuesday, 8th December 2009 from 5.00 p.m. to 10.30 p.m. through Triq il-Ġublew tal-Fidda, Vittoriosa.

On Tuesday, 8th December 2009 from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and from 5.00 p.m. to 10.30 p.m. through the following streets: l-Immakulata, Triq San Nikola and Alessandra.

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Diċembru 2009 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla għal Pjazza Pawlino Vassallo, ħdejn il-Knisja, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church Area u P.P. Caruana.

Vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fid-dati u l-ħinijiet fit-toroq indikati. Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Novembru, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali, fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1 Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' €15,873 fis-sena, li jiżdied b'€447.17 kull sena sa massimu ta' €18,556 (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Persuna nominata bħala Uffiċjal Legali *Junior*, dejjem jekk tkun wettqet b'mod sodisfaċenti d-dmirijiet tagħha, titla' għall-grad ta' Uffiċjal Legali fi skala 8 (€16,919 x €486.83 - €19,840) wara sentejn (2) servizz fil-grad.

2.3 Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali pprovati wara li tkun kisbet l-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjali Legali fuq skala ta' salarju 8 (€16,919 x €486.83 - €19,840). Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali titla' għal Skala ta' Salarju 7 (€18,058 x 531.00 - €21,244) wara għaxar (10) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.4 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'mod

On Tuesday, 8th December 2009 as from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla to Pjazza Pawlino Vassallo, next to the Church, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church Area and P.P. Caruana.

Vehicles are not allowed to park on the dates and times at the indicated streets. Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

20th November, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Department for Local Government Office of the Prime Minister

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Department for Local Government Office of the Prime Minister.

2.1 The salary for the post of Junior Legal Officer is €15,873 per annum rising by annual increments of €447.17 up to a maximum of €18,556 (Salary Scale 9).

2.2 A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer on salary scale 8 (€16,919 x €486.83 - €19,840) on completion of two (2) years service in the grade.

2.3 A selected applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practice as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8 (€16,919 x €486.83 - €19,840). An officer in the grade of Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be placed in Salary Scale 7 (€18,058 x 531.00 - €21,244) on completion of ten (10) years satisfactory service in the grade.

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Unions.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department for Local

partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika il-professjoni tagħha privatament.

4. Persuna maħtura bħala Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali tkun mistennija li teżerċita l-professjoni tagħha kif ukoll doveri oħra kompatibbli ma' dan il-post. Tkun mistennija li tikkordina mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni; f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE; jew

iv) jkunu l-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

ċ) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet

Government in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will not be allowed to perform the private practice of his/her profession.

4. A Junior Legal Officer/Legal Officer will be required to exercise his/her profession and will also be required to perform such other duties compatible with the post. He/she will be required to liaise with the Office of the Attorney General.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) i. be citizens of Malta; or

ii. be citizens of another European Union Member State; or

iii. be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply. In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply; or

iv. the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation on terms of Article 7 of the Equal

Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413) anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Dawn għandhom ikunu jew mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament bil-posta lid-Dipartiment riċeventi mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-għeluq. Kopji bl-*iscanner* mibgħuta b'mod elettroniku jkunu aċċettati.

7.2 Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representation in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Ministry by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1 Bord tal-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, il-Belt, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-pożizzjoni battala. Il-petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Gvern Lokali Dipartiment għall-Gvern Lokali, 26-28 Triq L-Arċisqof Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 2009.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand is-Sezzjoni tal-*Personnel*, Dipartiment għall-Gvern Lokali 26-28 Triq L-Arċisqof, Valletta.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Gvern Lokali, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tat-Taqsima huwa +356 21224904).

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department for Local Government, Office of the Prime Minister.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. Applications, together with a curriculum vitae, including qualifications and experience will be received in the first instance by the Director, Local Government Department for Local government 26-28 Archbishop Street, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 11th December 2009.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Department for Local Government 26-28 Archbishop Street, Valletta.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 11th December 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director, Local Government by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Division is +356 – 21224904).

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Gvern Lokali, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Tintbagħat riċevuta mid-Direttur Gvern Lokali, fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-20 ta' Novembru, 2009

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Local Government and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing by the Director, Local Government within seven (7) days.

20th November, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Probation Officer u Trainee Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għal postijiet ta' *Probation Officer u Trainee Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi.

2.1 Il-post ta' *Probation Officer* għandu salarju ta' €13,182 fis-sena li jiżdied b' €354.17 kull sena sa massimu ta' €15,307 (Skala ta' Salarju 12).

2.2 Persuni maħtura li, minbarra li għandhom Diploma fis-Servizzi ta' *Probation* għandhom diploma jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta mill-Bord tad-Dħul tal-*Institute of Criminology* tal-Universita` ta' Malta għad-dħul fil-kors li jwassal għal Diploma fis-Servizzi ta' *Probation*, jidħlu fil-grad fi Skala ta' Salarju 11 (€14,030 x €375.00- €16,280).

2.3 Persuni maħtura li, minbarra li għandhom id-Diploma fis-Servizzi ta' Probation għandhom ukoll *degree* jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta mill-Bord tad-Dħul tal-*Institute of Criminology* tal-Universita` ta' Malta għad-dħul fil-kors li jwassal għad-Diploma fis-Servizzi ta' *Probation*, jidħlu fil-grad fi Skala ta' Salarju 10 (€14,920 x €407.67 - €17,366).

2.4 Persuna fil-ħatra ta' *Probation Officer* fi Skala ta' Salarju 12 jew 11 tavvanza għal Skala ta' Salarju 10 wara li tagħmel ħames snin servizz fil-grad, soġġetta għal xogħol sodisfaċenti.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi b'mod partikulari. Min jinħatar jista' jiġi ttrasferit skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Probation Officer and Trainee Probation Officer in the Department of Correctional Services

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the posts of Probation Officer and Trainee Probation Officer in the Department of Correctional Services.

2.1 The salary for the post of Probation Officer is of €13,182 per annum rising by annual increments of €354.17 up to a maximum of €15,307 (Salary Scale 12).

2.2 Appointees who, beside the Diploma in Probation Services, are also in possession of a diploma or a comparable qualification, recognised by the Board of Admission of the Institute of Criminology of the University of Malta for admittance into the course leading to the Diploma in Probation Services will enter the grade at Salary Scale 11 (€14,030 x €375.00 - €16,280).

2.3 Appointees who, besides the Diploma in Probation Services, are also in possession of a degree or a comparable qualification, recognised by the Board of Admission of the Institute of Criminology of the University of Malta for admittance into the course leading to the Diploma in Probation Services will enter the grade at Salary Scale 10 (€14,920 x €407.67 - €17,366).

2.4 A Probation Officer in Salary Scale 12 or 11 will proceed to Salary Scale 10 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Correctional Services in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2 Il-*Probation Officers* ikunu meħtieġa li jużaw it-trasport tagħhom fuq xogħol uffiċjali. Huma jkunu intitolati għall-*allowance* bir-rata approvata.

3.3 Il-*Probation Officers* ikunu mistennija jaħdmu sigħat irregolari matul il-ġurnata u l-lejl skont l-esiġenzi tax-xogħol.

4.1 Persuna fil-ħatra ta' *Probation Officer* għandu jkollha xeħta biex tikkomunika ma' oħrajn u tkun kapaċi tibni relazzjonijiet interpersonali. Tkun esposta għal varjeta kbira ta' *Humanistic Sutdies*, biex takkwista l-esperjenza meħtieġa biex taħdem fi *Probation Work* effettiv. B'mod partikolari, jiġu żviluppati abbiltajiet tar-reġistrazzjoni ta' każijiet ta' ġestjoni ta' każijiet kif ukoll, il-kitba ta' rapporti, l-użu ta' konferenzi dwar il-każ u l-aġġornament tagħhom, kapaċitajiet ta' komunikazzjoni, teknika ta' kif jiġu stmati interventi fi kriżi u kapaċitajiet bażiċi oħra relatati ma' xogħol ta' natura soċjali.

4.2 Id-dmirijiet prinċipali ta' persuna fil-ħatra ta' *Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi huma li:

(i) tmexxi rapporti dwar investigazzjonijiet qabel tingħata sentenza (PSIRs);

(ii) tissottometti lill-Qorti, minn żmien għal żmien, rapporti dwar il-każ;

(iii) tagħmel pjanijiet dwar superviżjoni skont ħtiġijiet speċifiċi imposti mill-Qorti, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-informazzjoni fil-PSIR, meta jkun sar dan ir-rapport;

(iv) tiżviluppa pjan ta' azzjoni personalizzat dwar il-klijenti u ssegwi l-iżvilupp tiegħu;

(v) issegwi l-andament u l-progress tal-persuna li tkun fuq *Probation Order;*

(vi) tagħmel żjarat fid-djar u fuq il-post, kif ikun hemm bżonn, u tintervjeni mal-partijiet involuti fil-każ;

(vii) tippromwovi programmi ta' servizzi fil-komunita` u/jew programmi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-vittma u min jagħmel l-offiża, meta dawn ikunu kkunsidrati ta' benefiċċju;

(viii) tikkoordina ma professjonisti u/jew aġenziji involuti fil-każ;

(ix) torganizza u tattendi konferenzi dwar il-każ meta meħtieġ;

(x) iżżomm *records* aġġornati dwar il-każijiet kollha;

3.2 Probation Officers will be expected to use their own means of transport for their work. They will be entitled to the appropriate approved allowance.

3.3 Probation Officers must be prepared to work irregular hours of the day and night according to the exigencies of the job.

4.1 A Probation Officer must have an aptitude for human communication and skills in building interpersonal relationships. He/she will be exposed to a broad spectrum of humanistic studies, during which the expertise required to deliver effective Probation Work will be acquired. In particular, case recording, case management, report writing, the use of case conferences and case reviews, communication skills, assessment techniques, crises intervention and other skills of a social nature will be developed.

4.2 The main duties of the Probation Officers with the Department of Correctional Services are the following:-

(i) conduct Pre-Sentencing Investigation Reports (PSIRs);

(ii) submit periodic reports to the Court on the progress of the case;

(iii) draw up supervision plans based on the specific requirements imposed by the Court, taking into account the information in the PSIR, when available;

(iv) develop a personalised action plan for the client and monitor development;

(v) monitor compliance and progress of the offender subject to a Probation Order;

(vi) conduct home and field visits as necessary and provide the required intervention with all parties involved in the case;

(vii) promote Community Service Programmes and/or Victim-Offender Rehabilitation Programmes whenever these are deemed beneficial;

(viii) liaise with other professionals and/or agencies involved in the case;

(ix) organise and attend case conferences whenever required;

(x) keep up-to-date records on all cases;

(xi) taħdem indipendentement iżda tkun versatili meta taħdem ma' impjegati oħra f'xogħol ta' *probation*;

(xii) iżżomm ruħha aġġornata, dwar l-aħħar żviluppi fil-kamp tas-servizzi dwar *Probation* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

(xiii) taħdem fuq sistema ta' *roster on-call*.

4.3 L-applikanti magħżula, fiż-żmien li jkunu jaħdmu f'dan ix-xogħol, għandhom jibqgħu intiżi fl-iżvilupp li jseħħ fil-qasam tal-*Probation* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Għal dan il-għan, tingħata l-opportunita' għal programmi ta' taħriġ, liema opportunità l-applikanti magħżula huma mistennija li jieħdu.

4.4 *Probation Officers* magħżula għal dan ix-xogħol jaqdu d-doveri tagħhom taħt id-direzzjoni tad-Direttur tas-Servizzi Korrettivi u jkunu mistennija jsegwu korsijiet ta' taħriġ *ad hoc* f'Malta jew barra minn Malta. Il-persuni magħżula li jattendu korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta jkunu marbuta bil-kundizzjonijiet rilevanti skont il-*Public Service Management Code*.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates.

II-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaci jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(xi) work autonomously yet be versatile in team-work with other Probation Service personnel;

(xii) keep abreast of latest developments in the field of Probation Services both in Malta and abroad;

(xiii) work on an on-call roster basis.

4.3 All appointees are obliged to ensure that throughout their employment period they remain conversant with current Probation Work issues and practices both locally and abroad. To this purpose, the opportunity will be provided for programmes of training, which opportunities the appointees are expected to take.

4.4 Selected Probation Officers will be performing their duties under the direction of the Director Correctional Services and may be required to undergo ad hoc training locally or abroad. Selected candidates proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

a) (i) citizens of Malta

OR

6. The land close to the tower, in Triq l-Għarb, limits of Għasri, measuring 680 sq. m, valued at €8,386.

7. The land in Triq l-Għasri, limits of Għasri, measuring 685 sq. m., valued at €8,386.

8. The land in Triq ta' Ċenċ, Sannat, measuring 98.3 sq. m., valued at €36,571.

9. The land between Triq ta' Ċenċ and Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, measuring 69 sq. m., valued at €4,309.

10. The land know as 'Ta' taħt il-Belt', in Għajnsielem, measuring 1477 sq. m., valued at €4,659.

The said tenements are the property of Frangisk and Giuseppa spouses Apap and will be sold as described in the report sworn to by AIC Edward Scerri on the 19th November 2003.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 6th November 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1835

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-24 ta' Ġunju 2009, Rikors Numru 445/2009, minn John Carabott (KI 482162M), Mary Carabott, xebba, bint Calcedonio Carabott u Beatrice neè Bonnici, imwielda u residenti Marsaxlokk bil-karta tal-identità numru 334963(M) ta' 46 sena ġiet interdetta permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru 2009.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

Illum 16 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th June 2009, Application number 653/2009 by the John Carabott (ID 482162M), Mary Carabott, unmarried, daughter of Calcedonio Carabott and Beatrice neè Bonnici, born and residing in Marsaxlokk holding identity card number 334963(M) of 46 years was interdicted by means of a decree given on the 4th November 2009.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today 16th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1836

SUBBASTA NRU. 24/2009

B'sentenza mogħtija mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fil-31 ta' Ottubru 2006 fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 6/1992/1 fl-ismijiet "Maria Bugeja vs Philip sive Pinu Bugeja et," kif konfermata mill-QORTI TAL-APPELL fit-30 ta' April 2009, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 22 ta' Frar 2010 fil-11.00 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Novembru 2009 kif modifikat b'żewġ digrieti oħra datati 21 u 24 ta' April 2009 rispettivament, u li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fond hawn taħt deskritt:

1. Fond numru 5, Triq is-Salib Imqaddes, Xewkija, Għawdex, stmat €174,703.

L-imsemmi fond jappartjeni lill-eredi tal-mejjet Joseph Bugeja.

N.B. L-imsemmi proprjetà jinbiegħ bħalma ġie deskritt fir-rapport addizzjonali mill-periti Dott. Alfred Grech, l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC Edward Scerri fir-relazzjoni tagħhom maħlufa fil-15 ta' Frar 2005.

Reġistrutal-Qratital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 16 ta' Novembru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

JUDICIAL SALE NO. 24/2009

By virtue of a judgment delivered by the COURT OF MAGISTRATES (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on the 31st October 2006 in the records of writ-of-summons number 6/1992/1 in re "Maria Bugeja vs Philip sive Pinu Bugeja et," which judgment was confirmed by the COURT OF APPEAL on the 30th April 2009, the day of Monday 22nd February 2010 at 11.00 a.m. and until the highest public bid is adjudicated, as ordered by a decree given on the 5th November 2009 as modified by two other decrees dated the 22nd and 24th April 2009 respectively, has been scheduled for the SALE BY LICITATION, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Tenement number 5, Holy Cross Street, Xewkija, Gozo, valued at €174,703.

The said tenement appertains to the heirs to the deceased Joseph Bugeja.

N.B. The said tenement will be sold as described in the additional report sworn to by Dr Alfred Grech, AIC Joseph Mizzi and AIC Edward Scerri on the 15th February 2005.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 16th November 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts and Tribunals

1837

B'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat 1781/09 RCP, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Domestica Limited C 2290 versus (Intimat) Madliena Village Limited C 2702, fit-28 ta' Ottubru 2009, ir-rikorrenti Chris Vassallo Cesareo KI 92370M f'isem is-soċjetà Domestica Limited, talab lil din il-Qorti illi sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwita xi proprjetà u b'mod partikolari, l-fond 409, The Penthouse, Madliena Village, Fortizza Road, Madliena.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Kreditu: €40,573.70 Erbgħin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu.

Titolu: Arrikkiment indebitu tas-soċjetà intimata għad-dannu tas-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1028A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi s-soċjetà rikorrenti pprovdiet lis-soċjetà terza Alfavil Construction Limited (C 34779) għadd ta' kċejjen u għamara oħra fl-ammont ta' erbgħin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€40,573.70) kif tixhed l-invoice hawn annessa bħala Dok DL1.

...omissis...

Illi tenut kont tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà Alfavil Construction Limited u ta' kif ġraw l-affarijiet f'dan il-każ illum ir-restituzzjoni tal-imsemmija għamara tista' tkun l-uniku rimedju li s-soċjetà rikorrenti jista' jkollha fil-konfront tas-soċjetà intimata ...omissis...

Inoltre, il-fond innifsu huwa l-unika forma ta' garanzija għall-eventwali ħlas tal-kreditu hawn fuq imsemmi.

Mandat ta' Inibizzjoni.

Repubblika ta' Malta.

By means of a decree given on the 5th November 2009, in the Records of the Sworn Application 1781/09 RCP, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Domestica Limited C 2290 versus (Respondent) Madliena Village Limited C 2702, on the 28th October 2009, the applicant Chris Vassallo Cesareo ID 92370M in the name of the company Domestica Limited, asked this Court that in order to secure the credit hereunder mentioned against the respondent, humbly asks this Honourable Court to order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction so that it be witheld from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title any property and in particular the premises 409, The Penthouse, Madliena Village, Fortiza Road, Madliena.

Thus the applicant humbly asks this Honourable Court to order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

Credit: €40,573.70 Forty thousand, five hundred seventy three Euro and seventy cents.

Title: Unjustified Enrichment of the respondent company to the detriment of the applicant company in terms of Article 1028A of Cap. 16 of the Laws of Malta.

That the applicant company provided the third party company Alfavil Construction Limited (C 34779) various kitchens and other furniture in the amount of forty thousand five hundred seventy three Ewro and seventy cents (€40,573.70) as evidenced by the invoice hereby attached Doc DL1.

...omissis...

That in view of the financial situation of the company Alfavil Construction Limited and how things happened in this case today, the return of the said furniture can be the only remedy that the applicant company can have in regard to the respondent company...omissis...

Furthermore, the premises itself is the only form of guarantee for the eventual payment of the credit above mentioned.

Warrant of Prohibitory Injunction.

Republic of Malta.

Mogħti mill-Qorti Ċivili bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Raymond C. Pace, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Ottubru 2009.

Rikorrent: Domestica Limited, Msida Road, Birkirkara.

Intimat: Administrative Office, Madliena Village, Fortizza Road, Madliena.

Eżekuzzjoni: 409, Penthouse, Madliena Village.

Notifika: Public Registry, Valletta.

Ir-Rikors fl-ismijiet Domestica Limited vs Madliena Village Limited, rikors numru 1781/09 RCP, jinsab differit għas-smigħ għat-2 ta' Dicembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u TribunalI

Given by the Civil Court with the witness of the Hon. Mr Justice Raymond C. Pace, LL.D., Doctor of Laws.

Today 28th October 2009.

Applicant: Domestica Limited, Msida Road, Birkirkara.

Respondent: Administrative Office, Madliena Village, Fortizza Road, Madliena.

Execution: 409, Penthouse, Madliena Village.

Notify: Public Registry, Valletta.

The Application in the names Domestica Limited vs Madliena Village Limited, application number 1781/09 RCP, has been put off for hearing to the 2nd December 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1838

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Raymond Buttigieg (KI 443070M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 338/08 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATTI TAT-TWELID tal-minuri Christine li jġib n-numru 869/1998 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 16 ta' Novembru, 2009.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Raymond Buttigieg (ID 443070M) filed an application under oath (No. 338/08 NC) demanding CORRECTIONS in the ACTS OF BIRTH of the minor child Christine numbered 869/1998 respectively in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 16th of November, 2009.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1839

B'digriet mogħti fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Grech Anna noe vs Falzon Daniela, rikors numru 845/09 JA, fil-31 ta' Awissu 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Daniela Falzon, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Anna Grech li għandha karta tal-identità 770053M bħala mandatarja speċjali tal-assenti Vivian Egidio, Alex Roger u John Henry aħwa Falzon, vs Daniela Falzon, fil-31 ta' Awwissu 2009, ir-rikorrenti Anna Grech fil-kwalità premessa, talbet lil din il-Qorti biex:

1) taqta' u tiddeċiedi a tenur tal-Artikolu 167 et tal-Kodiċi Ċivili u ċioè bid-dispensa tas-smigħ, illi l-intimata qed tiddetjeni l-fond imsemmi fir-rikors mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa inġunta in subizzjoni.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rikorrenti: c/o 11/20, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta.

Intimata: 36/10, Tignè Sea Front, Tignè, Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Anna Grech noe vs Daniela Falzon, rikors numru 845/09 JA, jinsab differit għat-30 ta' Novembru 2009, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree in the Records of the Sworn Application in the names Grech Anna noe vs Falzon Daniela, application number 845/09 JA, on the 31st August 2009, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Daniela Falzon, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Anna Grech who has identity card number 770053M as special mandatary of the absent Vivian Egidio, Alex Roger and John Henry brothers Falzon vs Daniela Falzon, on the 31st August 2009, the applicant Anna Grech in her capacity premised asked this Court so that:

1) it decides in terms of Article 167 et of the Civil Code and namely without proceeding to a hearing of the cause, that the respondent is holding the premises mentioned in the application, without any valid title at law and uphold the other demands mentioned in the application.

With costs against the respondent from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Applicant: c/o 11/20 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta.

Respondent: 36/10, Tignè Sea Front, Tignè, Sliema.

The Sworn Application in the names Anna Grech noe vs Daniela Falzon, application number 845/09 JA, has been put off to the 30th November 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1840

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-11 ta' Novembru, 2009 fuq rikors ta' AGIUS JOHN (KI 256257M) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2010 fis-1.00 p.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f' 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FOUR CONNECTIONS LTD.

Computer, DVD's, laptop, air conditioner, monitor, siġġijiet, televisions u bosta affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 11th November, 2009 on the application of AGIUS JOHN (ID 256257M), Monday, 25th January, 2010 at 1.00 p.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of FOUR CONNECTIONS LTD.

Computer, DVD's, laptop, air conditioner, monitor, chairs, televisions and other items

Registry of the Superior Courts, this Monday, 16th November, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1841

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Settembru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3503/09, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Thomas Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Thomas Camilleri (KI 570788M) ta' Paradise, Flat 2, Triq San Albert, Gżira, fl-1 ta' Lulju 2009, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €808.87 bilanċ għad-debitu fil-Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-4 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 1st September 2009 in the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3503/09 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Thomas Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Thomas Camilleri (ID 570788M) of Paradise, Flat 2, Triq San Albert, Gżira, on the 1st July 2009, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, calls upon you so that within two days you pay the sum of €808.87 balance of debt in your Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 4th May 2009 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1842

B'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Novembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill: Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru 2009, fuq talba ta' Business Tower Limited (C24892) ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Montaigne Investments (Malta) Limited stante li d-Diretturi huma assenti fl-Atti tas-Subbasta, fl-ismijiet Business Tower Limited (C 24892) vs Kuraturi Deputati u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Wara l-Mandat ta' Qbid Numru 300/07 JB, fl-ismijiet Business Tower Limited C24892 vs Montaigne Investments (Malta) Limited, fis-27 ta' Mejju 2008, ir-rikorrenti Business Tower Ltd, esponew bir-rispett;

By means of a decree of the First Hall Civil Court of the 4th November 2009, the publication of the extract which appears hereunder was ordered for the purpose of service according to Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by this Court on the 4th November 2009, following a request of Business Tower Limited (C 24892) it was ordered that deputy curators be chosen to represent Montaigne Investments (Malta) Limited since the Directors are absent in the records of the judicial sale, in the names Business Tower Limited (C 24892) vs Deputy Curators, and in all the relative and subsequent.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, Following the Warrant of Seizure Number 300/07 JB, in the names Business Tower Limited C 24892 vs Montaigne Investments (Malta) Limited, on the 27th May 2008, the applicant Business Tower Ltd, pleaded with respect:

Illi permezz ta' sentenza deċiża fid-29 ta' Marzu 2007, il-kreditur ġie kanonizzat kreditur tal-intimat fis-somma ta' €30 954.18 (Tletin elf disa' mija u ħamsin Ewro u tmintax-il ewro ċenteżmu) in kwantu għal €28 066.62 Ewro (Tmienja u għoxrin elf sitta u sittin Ewro u tnejn u sittin Ewro ċenteżmu) sorte; 684.37 Ewro (Sitt mija u erba' u tmenin ewro u seba' u tletin ewro ċenteżmu) imgħax u 2 203.19 Ewro (Elfejn mitejn u tlett Ewro u dsatax-il ewro ċenteżmu) spejjeż.

Illi in eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid fuq ċitat ġew maqbuda l-oġġetti ndikati fir-riferta tal-marixxall eżekutur.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-bejgħ fis-Subbasta tal-oġġetti maqbuda mill-poter tal-intimat u tiffissa l-jum, ħin u lok, 198, Cannon Road, St Venera, għall-bejgħ fis-subbasta sabiex mir-rikavat ikun jista' jiġi sodisfatt il-kreditu tal-esponent.

Kreditur: Level 14, Portomaso Business Tower, Portomaso, St Julian's.

Debitur: Level 13, Portomaso Business Tower, Portomaso, St Julian's.

Notifika: George Zammit, 131, St George's Road, St Julian's.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u ssejjaħ lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LL.D., Duttur tal-Liġi.

llum 4 ta' Novembru 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by means of a judgement decided on the 29th March 2007, the creditor was declared a creditor of the respondent in the sum of €30 954.18 (Thirty thousand nine hundred fifty four euro and eighteen euro cents) as for €28 066.62 Euro (Twenty eight thousand sixty six Euro and sixty two Euro cents) capital; 684.37 Euro (Six hundred and eighty four euro and thirty seven euro cents) interest and 2203.19 Euro (Two thousand two hundred and three Euro and nineteen Euro cents) expenses.

That in execution of the Warrant of Seizure above mentioned the objects indicated in the referral of the executing Marshall were seized.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court orders the Judicial sale of the objects seized from the respondent and fix a day, time and place, 198, Cannon Road, St Venera, for the Judicial sale so that from the proceeds the credit of the applicant can be satisfied.

Creditor: Level 14, Portomaso Business Tower, Portomaso, St Julian's.

Debtor: Level 13, Portomaso Business Tower, Portomaso, St Julian's.

Service: George Zammit, 131, St George's Road, St Julian's.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph R. Micallef, LL.D., Doctor of Laws.

Today 4th November 2009.

Registry of the Superior Courts, today 16th November 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1843

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-16 ta' Novembru, 2009, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Diċembru, 2009 mid-9:00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li kien ordnat bid-digriet tat-22 ta' Mejju 2009, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Appartament immarkat bin-numru sitta (6) fir-raba' sular ta' korp ta' sitt appartamenti bl-isem 'Cortile di Maria', Triq ta' Bieb it-Torri, l-Imsida, inkluż sehem minn partijiet komuni, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €9.32 (Lm4) stmat li jiswa mija u sittax-il elf erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 116,468.67).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Martin Vella (KI 109666M) u Romina Borg (KI 47169M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Ottubru 2007, fis-subbasta 51/2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru, 2009.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 16th of November 2009, on the application of HSBC Bank Malta PLC, Thursday, 10th December, 2009 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION, ordered by the decree of 22nd May 2009, to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Apartment marked with number six (6) on the 4th floor of a block of six apartments named 'Cortile di Maria', Bieb it-Torri street, l-Imsida, including part of the common parts, subject to an annual and perpetual ground rent of €9.32 (Lm4) valued at one hundred and sixteen thousand four hundred and sixty eight Euros and sixty seven cents (€ 116,468,67).

The said tenement is the property of Martin Vella (ID 109666M) and Romina Borg (ID 47169M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Valerio Schembri on 5th October 2007, in the acts of the file number 51/2007.

Registry of the Superior Courts, 16th November 2009.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1844

B'digriet mogħti fil-31 ta' Diċembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali Numru 2973/08, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Bay Investments Ltd (C 25298), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Settembru 2008

Lil: Bay Investments Ltd (C 25298)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellakom ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XX111 tal-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-Att tħallsu l-ammont ta' mija u tletin elf, tmien mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€130,845) rappreżentanti ammont minnkom dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-imsemmi Att XX111 tal-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a decree given on the 31st December 2008, in the records of the Judicial letter number 2973/08, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Bay Investments Ltd (C 25298) the First Hall Civil Court, ordered the folowing publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 29th September 2008

To: Bay Investments Ltd (C 25298)

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XX111 of 1998 so that within two days from the service of this act, you pay the sum of one hundred thirty thousand eight hundred forty five Euro (€130,845) representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to the said Act XX111 of 1998 till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz tal-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittent javżak li se jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni;

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifika: 1) Intimati: Flat 2, Maria Dolores Flats, Mensija Road, San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

In default, the interpellant warns you that he shall execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants;

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: 1) Respondents: Flat 2, Maria Dolores Flats, Mensija Road, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts, today 17th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1845

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-16 ta' Novembru 2009, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Pater Finance Co Ltd, fl-10 ta' Novembru 2009, qed tintalab tpaċċija tal-ammont ta' €3,393.77 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 64/2009 fl-ismijiet Pater Finance Co Ltd vs Robert Neil Bradley, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru 2009.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kap. 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u ssomom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum is-16 ta' Novembru 2009.

MICHAEL PORTELLI, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 16th November 2009, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Pater Finance Co Ltd on the 10th of November 2009, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €3,393.77 following judicial sale by auction 64/2009 in the names Pater Finance Co Ltd vs Robert Neil Bradley, held under the Authority of the said Court on the 4th November 2009.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 16th November 2009.

MICHAEL PORTELLI, B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1846

B' digriet mogħti fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Farrugia Joseph et vs Farrugia Charles, rikors numru 549/09 JA, fil-5 ta' Novembru 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Joseph u Miriam konjugi Farrugia vs Charles Farrugia fil-5 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrenti talbu lil Qorti:

1. Tiddikjara illi l-aġir tal-intimat jew nies imqabbda minnu kif hawn fuq spjegat jikkostitwixxi spoll klandestin għad-dannu tal-atturi ai termini tal-Artikolu 535 et. seq tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kollha kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni għad-danni spettanti lir-rikorrenti.

Dokumenti.

Lista ta' Xhieda.

Rikorrenti: 20, Il-Ħolma, Triq il-Gawwi, Birżebbuġa.

Intimat: Rhapsody, Triq il-Qattus, Birkirkara.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Joseph et vs Farrugia Charles rikors numru 549/09 JA, jinsab differit għas-7 ta' Diċembru 2009, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a dccree in the Records of the Sworn Application in the names Farrugia Joseph et vs Farrugia Charles, application number 549/09 JA, on the 5th November 2009, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court in the names Joseph and Miriam spouses Farrugia vs Charles Farrugia, on the 5th June 2009, the applicants asked the Court:

1. To declare that the behaviour of the respondent or people appointed by him as above explained constitute a clandestine spoliation to the detriment of the applicants in terms of Article 535 et seq of the Civil Code and uphold the other demands mentioned in the application.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made and saving any other action for damages against the applicants.

Documents.

List of Witnesses.

Applicants: 20, Il-Ħolma, Triq il-Gawwi, Birżebbugia.

Respondent: Rhapsody, Triq il-Qattus, Birkirkara.

The Sworn Application in the names Farrugia Joseph et vs Farrugia Charles, application number 549/09 JA, has been put off to the 7th December 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1847

B' digriet mogħti fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet Caruana Francis et vs Vella Arthur, rikors numru 65/08 GG, fis-6 ta' Ottubru 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Francis Caruana (KI 768756M) Mary Mercieca (KI 879650) Agnes Cardona (KI 2555M) Claire Hinter (KI 147277M) Clinton Caruana (KI 262683M)

By means of a dccree in the Records of the Application in the names Caruana Francis et vs Vella Arthur, application number 65/08 GG, on the 6th October 2008, the Rent Regulation Board, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Francis Caruana (ID 768756M) Mary Mercieca (ID 879650M) Agnes Cardona (ID 2555M) Claire Hinter (ID 147277M) Clinton Caruana (ID 262683M)

Maria Caruana (KI 381786M) Doris Zammit (KI 233462) Anna Sciberras (KI 552263M) u Giovanna Caruana (KI 371226M) vs Arthur Vella (KI 833057M) fis-6 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti talbu lil Qorti:

1. Għar-raġuni jew raġunijiet esposti fir-rikors tordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-garage msemmi fir-rikors fi żmien qasir u perentorju ffissat mill-Bord, u kwindi jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess liberu u vakanti tal-istess garage fl-istess żmien ordnat minn dan il-Bord.

Rikorrent: 11, Triq l-Ispiera, Swieqi, SWQ 3082.

Interpellant: Sta Margerita Flats, Flat No. 1, Triq il-Ġjaċinti, San Ġwann.

Ir-Rikors fl-ismijiet Caruana Francis et Vella Arthur rikors numru 65/08 GG, jinsab differit għad-9 ta' Diċembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Bord li Jirregola l-Kera) illum 17 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Maria Caruana (ID 381786M) Doris Zammit (ID 233462) Anna Sciberras (ID 552263M) and Giovanna Caruana (ID 371226M) vs Arthur Vella (ID 833057M) on the 6th October 2008, the applicants asked the Court:

1. For the reason or reasons brought forward in the application to order the eviction of the respondent from the garage mentioned in the application within a short and peremptory period fixed by the Board and thus authorise the applicants to take back the free and vacant possession of the same garage within the same time ordered by this Board.

Applicant: 11, Triq l-Ispiera, Swieqi, SWQ 3082.

Respondent: Sta Margerita Flats, Flat No 1, Triq il-Ġjaċinti, San Ġwann.

The Application in the names Caruana Francis et vs Vella Arthur, application number 65/08 GG, has been put off to the 9th December 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 17th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1848

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Settembru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2459/09, fl-ismijiet Charles Pace et vs Matthew Calleja, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Matthew Calleja (KI 127285M) ta' 9, Massabelle, Triq Ġanni Vella, Mosta, fid-29 ta' April 2009, Charles Pace (KI 398852M) u Mosta Auto Dealers Limited (C3923) ta' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, jinterpellawk sabiex fi żmien jumejn (2) tħallas is-somma ta' €2,352.67 import ta' għaxar (10) kambjali li mmaturaw, oltre l-imgħaxijiet.

Fin-nuqqas il-mittenti se jkunu kostretti jieħdu passi ulterjuri kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor, inkluż li jitolbu l-ħruġ tal-mandati eżekuttivi opportuni u anke proċeduri ta' subbasta. Dan se jfisser ħafna iktar spejjeż żejda għalik.

Dan l-att ġudizzjarju qiegħed jiġi ppreżentat għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi fosthom l-Artikolu 253 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal skop ta' eżekuzzjoni ta'għaxar (10) kambjali annessi (Dok A-D) li skont il-Liġi jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

By means of a decree on the 4th September 2009, in the records of the judicial letter number 2459/09, in the names Charles Pace et vs Matthew Calleja the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Matthew Calleja (ID 127285M) of 9, Massabelle, Triq Ġanni Vella, Mosta, on the 29th April 2009, Charles Pace (ID 398852M) and Mosta Auto Dealers. Ltd (C 3923) of Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, call upon you so that within two days you pay the sum of €2,352.67 value of ten (10) bills of exchange that have matured, including interest.

In default the interpellants will be constrained to take the necessary procedures against you without further notice, including the necessary executive warrants and judicial sale. This will mean much more costs for you.

This judicial act is being presented for all purposes and effects of Law including Article 253 (e) of the Code of Organisation and Civil Procedure for the purpose of execution of ten (10) bills of exchange annexed (Doc A-D) that according to law constitute an executive title.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data li mmaturat kull waħda mill-kambjali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs and interest from the date of maturity of each bill of exchange.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1849

B'digriet mogħti fit-28 ta' April 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Godwin u Rita miżżewġin Guntrip (KI 223353M u 441359M), rikors numru 98/09 AL, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta'Godwin Guntrip, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Godwin u Rita miżżewġin Guntrip (KI 223353M) u 441359(M) fl-4 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi msemmija fir-rikors u tikkundanna lil Godwin u Rita miżżewġin Guntrip, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€85,235.74) bl-imgħax ulterjuri, mill-11 ta' Diċembru 2008, sad-data tal-effettiv pagament.

Xhieda.

Elenku ta' Dokumenti Esebiti.

Soċjetà attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta, VLT 1190.

Konvenuti: Godwin Guntrip, 12, Triq San Bartilmew, Rabat.

Ir-Rikors fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Guntrip Godwin et jinsab differit għall-24 ta' Novembru 2009, fid-9.15 a.m., għan-notifika ta' Godwin Guntrip.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 28th April 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Godwin and Rita spouses Guntrip (ID 223353M and 441359M), application number 98/09 AL, the Civil Court First Hall, ordered the following publication for the purpose of service of Godwin Guntrip, in terms of Article of 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Godwin and Rita spouses Guntrip (ID 223353M) and 441359(M) on the 4th February 2009, the applicant Bank of Valletta p.l.c. asked this Honourable Court:

1. To declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contract or the writings mentioned in the application and condemn Godwin and Rita spouses Guntrip to pay the plaintiff company, the sum of eighty five thousand two hundred thirty five Euro and seventy four cents (€85,235.74), with further interest, from the 11th December 2008, till the date of effective payment.

Witnesses.

List of Documents Exhibited.

Plaintiff company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta, VLT 1190.

Defendants: Godwin Guntrip, 12, Triq San Bartilmew, Rabat.

The application in the names Bank of Valletta plc vs Godwin Guntrip et, has been put off to the 24th November 2009, at 9.15 a.m., in order to notify Godwin Guntrip.

Registry of the Superior Courts, today 17th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1850

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Ottubru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2701/09, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Citadel Insurance plc et, ordnat is-segwenti pubblikjazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Citadel Insurance plc u Darren Falzon ta' 59, Triq San Franġisk, Marsa, fil-15 ta' Mejju 2009, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha David Caruana, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess David Caruana (KI 821548M) ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta filwaqt illi jagħmlu riferenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-3 ta' Frar 2009 għall-ħabta tat-3.09 p.m. fi Mdina Road, Qormi, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GHQ 041, assigurata minnek Citadel Insurance plc u misjuqa minnek Darren Falzon fil-ħin tal-akkadut u l-vettura proprjetà tal-mittenti David Caruana bin-numru ta' reġistrazzjoni DAV 977, jinterpellawkom in solidum bejnietkom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallsu lill-mittenti David Caruana s-somma ta' €55 rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited bħala riżultat ta' dan l-inċident, u tħallsu wkoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' €378.46 għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat tal-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġni, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek Darren Falzon.

Il-mittenti jinformawkom illi f'każ illi t-terminu mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tagħkom bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament għall-iskopjiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 12th October 2009, in the records of the judicial letter number 2701/09, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Citadel Insurance plc et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

